MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1782/2001/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici li giet prezentata fit-13 ta' Novembru 2001, a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici A u l-konvenut B zzewgu fis-17 ta' Novembru, 1979; skond l-anness certifikat immarkat Dok. "A";

Illi mill-istess zwieg twieldu erbat itfal li minnhom tlieta, u cioe' B, B u B, ghadhom minorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-konvenut u l-attrici konjugi Salbia ma ghadiex aktar possibbli minhabba eccessi, ingurji gravi, minacci u theddid kif ukoll vjolenza morali u mentali da parti tal-konvenut u b' hekk iz-zwieg tfarrak b' mod irrimedjabbli tort ta' l-istess konvenut;

Illi t-tfal qieghdin ibaghtu kemm emozjonalment kif ukoll psikologikament minhabba l-agir tal-konvenut, bhal ma gie ccertifikat mill-psikologa Joan Camilleri M.Sc (Dok. "B");

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet numru 1025/01 f' dan i-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Lulju 2001 (Dok. "C");

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a *mensa et thoro* bejnu u l-imsemmija martu A ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza l-istess A tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri B, B u B, ulied l-istess konvenut u l-attrici jigu fdati lil l-istess A;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil martu B Theresa Salbia ghaliha u ghall-imsemmija tfal B, B u B dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici;

5. Tapplika interament jew in parti dawk id-dispozizzjonijiet tal-**Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u separatament tordna illi l-attrici A tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg

porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil A u l-ohra lil l-istess konvenut billi *okkorrendo* ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit beix jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lil l-istess martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

8. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mid-dar matrimonjali b' effett immedjat u tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tkun ghall-uzu esklussiv tal-attrici;

9. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjomha xebba u cioe' Thorne;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat ir-rapport ta' psikologista Joan Camilleri datat 30 ta' Ottubru 2001.

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta' Lulju 2001 a fol. 11 tal-process.
Rat ir-rikors (1) tal-attrici datat 13 ta' Novembru 2001, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha tappunta kuratrici *ad litem* ghat-tliet itfal minuri fl-atti tac-citazzjoni imsemmija u fl-atti kollha relatati u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 14 ta' Novembru 2001, fejn il-Qorti ordnat in-notifika b' erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta datat 28 ta' Jannar 2002 fejn giet milqguha t-talba kif dedotta.

Rat ir-rikors (2) tal-attrici datat 9 ta’ April 2002, fejn talbet umilment lil din il-Qorti sabiex joghgobha tordna lill-intimat sabiex ihallas il-kontijiet kollha pendenti tal-korporazzjoni tas-Servizzi tal-ilma f’ terminu qasir u perentroju illi ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti, sabiex il-provvista tad-dawl tista’ terga tigi pprovduta fid-dar matrimonjali, kollox a fol. 19 tal-process.

Rat id-digriet datat 10 ta’ April 2002, a fol. 21, fejn il-Qorti ordnat in-notifika bi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut B, datata 15 ta’ April 2002, a fol. 22 u fol. 23.

Rat id-digriet datat 16 ta’ April 2002, fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti tipprezenta nota guramentata bl-introjtu kollu taghha, bid-dokumenti relattivi, fi zmien tlett (3) ijiem b’ kopja lill-kontro-parti li jkollu tlett ijiem sabiex jipprezenta nota bl-introjtu tieghu kollu u d-dokumenti relattivi b’ kopja lill-kontroparti. Irriservat li tipprovdi defenitivament fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, datata 19 ta’ April 2002, a fol. 25 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi l-esponenti jichad l-allegazzjonijiet ta’ l-attrici dwar htijiet da parti tieghu li taha lok ghal separazzjoni. Anzi kienet l-attrici stess li rrendiet ruhha hatja lejh u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici l-esponenti jirrespingi bil-qawwa kollha li l-kura u l-kustodja tat-tfal ghandhom jigu esklussivament fdati f’ idejn l-attrici u dan billi l-attrici m’ hijiex affidabbli u hija vjolenti;

3. Illi fir-rigward tar-raba’ talba attrici l-esponenti jirrespingi li ghandu jaghti manteniment lill-martu jew it-tfal tieghu u dan billi l-attrici tahdem u taqla introjitu li huwa iktar minn dak ta’ l-esponenti;

4. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici l-esponenti jirrespingi li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu ghandha tigi likwidata u dan billi l-beni tal-komunjoni tal-konjugi ma jistghux jigu maqsuma b' mod ugwali u gust;

5. Illi fir-rigward tas-seba' talba attrici din hija infondata fil-fatt u dan minhabba li martu m' ghandha ebda beni dotali jew parafernali;

6. Illi fir-rigward tat-tmien talba attrici l-esponenti jirrespingi u jopponi li d-dar matrimonjali ghandha tkun ghall-uzu esklussiv tal-mara u dan billi l-esponenti m' huwiex il-kagun tas-separazzjoni kif se jigi muri tul is-smiegh tal-kawza w *inoltre* l-esponenti m' ghandu ebda post alternattiv biex imur joqghod;

7. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

8. Illi l-esponenti m' ghandux ibati spejjez;

9. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda a fol. 27 u fol. 28 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata 19 ta' April 2002, a fol. 29, li permezz taghha prezentat 7 dokumenti u indikat l-introjtu taghha.

Rat in-nota guramentata tal-konvenut B, datata 26 ta' April 2002, a fol. 38, fejn indika l-introjtu tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju lil Dr Kenneth Gulia biex jisma' l-provi kollha mhux producibbli permezz ta' l-affidavits.

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha ezebiet l-affidavits taghha; ta' ulied il-konendenti Noel Saliba; u ta' B Saliba Thorne minn fol. 44 sa fol. 49 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju minn fol. 55 sa fol. 86 fejn xehdu Joseph Thorne, Kenneth Thorne, Ramona Mallia mill-HSBC Bank plc, Emmanuel Cortis mill-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura, Vanessa Camilleri u Norbert Bartolo; Paul Gambina; l-Ispettur Raymond Anastasi u Joan Camilleri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002, fejn inghata digriet affidavit konvenut b’ terminu ta’ hamsin (50) gurnata.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia minn fol. 90 sa fol. 103 fejn fis-seduti tal-15 ta’ Jannar 2003, 28 ta’ Jannar 2003 u 11 ta’ Frar 2004 ma’ sar xejn u fid-29 ta’ Novembru 2002 xehed P.S. 928 Ramon Mifsud u f’seduti ohrajn xehdu rappresentanti tal-banek lokali.

Rat ir-rikors (3) tal-attrici A, datat 7 ta’ Awissu 2003, a fol.104, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimat (1) ihallas il-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma pendenti li hemm u li jikkoncernaw id-dar matrimonjali; (2) li jibqa’ jhallas il-kontijiet kollha tad-dawl u ilma li jistghu isiru dovuti sad-data tal-konkluzjoni tas-seaprazzjoni ta’ bejniethom b’decizjoni tal-Qorti jew permezz ta’ kuntratt pubbliku; (3) Ihallas il-kera kollha li hemm dovuta b’ lura rigwardanti d-dar matrimonjali; u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet datat 11 ta’ Awissu 2003, a fol. 109, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tipprezenta nota fi zmien tlett ijiem fejn kellha tiddikjara jekk ghalqitx il-provi taghha u jekk le x’ baqa’ bhala provi. Il-Qorti ordnat ukoll in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti li kellu ghaxart (10) ijiem biex jirrispondi b’ nota gurnatamenta.

Rat ir-rikors (4) tal-attrici datat 7 ta’ Awissu 2003, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex (1) tordna lill-intimat ihallas lilha l-arretrati dovuti sa minn Mejju 2003; (2) tiffissa somma ghall-manteniment ta’ uliedha minuri li

tirrispekkja c-cirkustanzi ta’ l-intimata w uliedha llum il-gurnata u tordna l-intimat sabiex ihallas l-istess lir-rikorrenti; u dan taht kull provvediment li din il-Qorti jidrilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi.

Rat id-digriet datat 11 ta’ Awissu 2003, fejn il-Qorti konfermat id-digriet taghha tal-11 ta’ Awissu 2003. Il-Qorti ordnat ukoll lill-attrici sabiex dwar l-ewwel talba tipprocedi ezekutivament u wkoll bil-proceduri kriminali w ordnat in-notifika ta’ dan id-digriet lill-Kummissarju tal-Pulizija a spejjez attrici sabiex jittiehdu l-proceduri kriminali opportuni w ordnat li l-attrici tindika bl-ezatt permezz ta’ nota l-ammonti ta’ arretrati dovuti, w ordnat li l-istess, kif ukoll il-manteniment attwali jitnaqqsu direttament mill-paga tal-konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut w ordnat in-notifika ta’ dan id-digriet a spejjez attrici lil l-istess employer. Il-Qorti ordnat ukoll in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat in-nota tal-attrici A, datata 26 ta’ Awissu 2003, a fol. 118.

Rat ir-risposta tal-konvenut B, datata 23 ta’ Settembru 2003, a fol. 120.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Settembru 2003, a fol. 122, fejn il-Qorti ordnat il-konvenut jindika l-introjtu tieghu permezz ta’ nota guramentata.

Rat in-nota tal-attrici datata 26 ta’ Awissu 2003, a fol. 124.

Rat ir-risposta tal-konvenut B datata 10 ta’ Settembru 2003, a fol. 131.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Settembru 2003, a fol. 134, fejn il-Qorti nnutat li l-attrici ma ghalqitx il-provi taghha, ghalkemm hija kellha taghlaq il-provi sad-9 ta’ Jannar 2003, filwaqt li l-konvenut la osserva l-istess digriet u lanqas id-digriet tat-23 ta’ Awissu 2003. Taht tali cirkustanzi l-Qorti rriservat li tiehu l-provvedimenti opportunti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003 fejn il-konvenut iddikjara li jaqla' Lm106 gross fil-gimgha minbarra Lm100 fix-xahar bhala *allowances.* L-attrici ddikjarat li minbarra r-relief taqla Lm18 fil-gimgha minn xoghol part-time ma' Hompesch Bakery. Il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Valerio Schembri biex jezamina jekk il-fond Block 4, Flat 2, Sir Luigi Preziosi Street, Pembroke hux komodament divizibbli. Il-Qorti ordnat li l-arretrati tal-manteniment ta' Lm10 fil-gimgha minn  Mejju 2003 sa' dak id-data jitnaqqsu direttament mill-paga tal-konvenut mill-employer tieghu.

Rat in-nota tal-attrici, datata 10 ta' Ottubru 2003, a fol. 140, li permezz taghha esebit 8 dokumenti.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut datat 10 ta' Ottubru 2003, a fol. 151, fejn talbet umilment lil din il-Qorti biex (1) timmodifika r-rata ta' manteniment minn erbghin lira (Lm40) fil-gimgha ghal tlettin lira (Lm30) fil-gimgha minhabba li bintu B, ilha maggorenni minn Mejju tal-2003; (2) tirrevoka *contrario imperio* dawk id-digrieti fejn dina l-Qorti ordnat illi s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira maltin (Lm145) rappresentatni arretrati ta' manteniment jigu mnaqqsa mill-paga tieghu, b' dan ukoll illi jinhargu n-notifiki necessarji f' dan is-sens.

Rat id-digriet datat 13 ta' Ottubru 2003, a fol. 154, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' A, datata 27 ta' Ottubru 2003, minn fol. 156 sa fol. 170.

Rat id-digriet datat 28 ta' Ottubru 2003, a fol. 171, fejn il-Qorti laqghat l-ewwel talba fejn l-manteniment ghall-minuri gie ridott ghal Lm35 fi-gimgha u cahdet it-tieni talba.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 14 ta' Novembru 2003 fejn ipprezentat affidavit ulterjuri taghha.

Rat in-nota ta' l-attrici, a fol. 189 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia minn fol. 190 sa fol. 200 fejn xehdu fit-18 ta' Novembru 2003 David Buttigieg bhala rappresentant tal-Maltacom u Joanne Falzon bhala rappresentatrici tad-Dipartiment tat-Turizmu – u f'din is-seduta l-attrici ddikjarat li ma' ghandhiex provi izjed

Rat ir-rikors (5) tal-attrici datat 5 ta' Ottubru 2003, a fol. 203, fejn talbet umilment lil din il-Qorti joghgobha tvarja d-digriet u n-nomina taghha tal-perit tekniku billi tordna lil l-istess A.I.C. Valerio Schembri *"biex jezamina jekk il-fond Block 4, Flat 2, Sir Luigi Perziosi Str. Pembroke, hux komondament divizibbli tenut kont tan-numru ta' persuni li ser ikunu jirrisjedu f' kull parti"* u dan taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi.

Rat id-digriet datat 10 ta' Dicembru 2003, a fol. 204, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-konvenut datata 16 ta' Jannar 2004 li biha pprezenta l-affidavit teghu.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, datat 23 ta' Jannar 2004 fejn xehed P.S. 1492 Joseph Pace minn fol. 231 sa fol. 233.

Rat in-nota tal-konvenut li biha pprezenta l-affidavit ta' Dun Gorg Dalli datat 23 ta' Jannar 2004.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, minn fol. 240 sa fol. 253 fejn xhedu Leonard Zerafa in rappresentanza tad-Dipartiment tad-Djar u Mary Joan Camilleri in kontro-ezami.

Rat l-affidavit ta' Tanya Vella datat 29 ta' Marzu 2004.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, minn fol. 257 sa fol. 264 fejn xehdet Sister Emerenzjana Vella

Rat ir-rikors (3) tal-konvenut datat l-1 ta' April 2004, a fol. 266, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tawtorizza u tordna illi l-ulied Noel, B u B jaghtu x-xhieda taghhom permezz tal-affidavit.

Rat id-digriet datat 2 ta' April 2004, a fol. 268, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta. Il-partijiet kellhom jindikaw l-eta' ta' l-istess ulied.

Rat l-osservazzjoni tal-Qorti fil-verbal datat 22 ta' Gunju 2004, fejn innotat li r-rikors tal-konvenut kien gie sorvolat; dan inghad ghaliex l-istess ulied il-kontendenti ingabhu xorta jixhdu mill-konvenut, anke permezz ta' affidavit u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess u hekk qed tirrgista b'digriet odjern.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, minn fol. 271 sa fol. 281 fejn xehdu Marica Bayliss , Noel Saliba, Simone Mifsud u Tania Vella

Rat l-affidavit ta' B Saliba Thorne a fol. 282 u fol. 283 datat 6 ta' April 2004.

Rat l-affidavit ta' Noel Saliba a fol. 284 u fol. 285 tal-process datat 6 ta' April 2004.

Rat in-nota tal-attrici a fol. 285a, li permezz taghha esibit tmien dokumenti ohra tali nota datata 14 ta' April 2004.

Rat in-nota ta' l-Assistant Gudzzjarju datata 16 ta' April 2004 fejn informa lill-Qorti li l-partijiet ghalqu l-provi.

Rat in-nota tal-konvenut datata 16 ta' April 2004 li biha pprezenta l-affidavit iehor ta' Dun Gorg Dalli; u bint il-kontendenti B Saliba Thorne li dak iz-zmien kellha 14 il-sena .

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2004 fejn il-Perit Tekniku Valerio Schembri halef ir-rapport. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-partijiet ghalqu l-provi. Id-difensuri qablu fuq il-manteniment u fuq il-kura u l-kustodja. Il-partijiet qabblu li l-kwistjoni kollha hija dwar id-dar

matrimonjali u l-attrici qed toffri li thallas Lm800 kontijiet tal-kera. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta' Gunju 2004 bil-fakolta' li kull parti taghmel in-nota ta' osservazzjonijiet.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku minn fol. 299 sa fol. 310.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet minn fol. 311 sa fol. 324.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005 b' dan li l-process ghandu jingieb quddiem il-Qorti numerat kif suppost. Il-Qorti nnutat ukoll li r-rikors tal-konvenut ta' l-1 ta' April 2004 kien gie sorvolat.

Rat in-nota responsiva ta' B datata 9 ta' Lulju 2004 a fol. 327 u fol. 328.

Rat ir-rikors (6) tal-attrici datat 25 ta' Novembru 2004, a fol. 330, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha (1) tordna lill-intimat B sabiex b'mod immedjat ihallas il-kontijiet kollha li hemm pendenti tad-dawl u l-ilma koncernanti d-dar matrimonjali San Guzepp, Block 4, Flat 2, Sir Luigi Preziosi, Pembroke; (2) tordna lill-intimat jibqa' jhallas kwalunkwe kont iehor li johrog koncernati d-dawl u l-ilma ta' l-istess dar matrimonjali sakemm ikun hemm decizjoni finali da parti ta' din il-Qorti; u dan taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi.

Rat id-digriet datat 29 ta' Novembru 2004, a fol. 333, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien gimgha ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 7 ta' Dicembru 2004 a fol. 335 u fol. 336.

Rat id-digriet datat 10 ta' Dicembru 2004, fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey

Valenzia ordnat li ghall-mument il-kont (bl-arrettrati) jithallas bin-nofs bejn il-partijiet

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn l-attrici qed tallega li l-hajja mizzewga m'ghadhiex aktar possibbli minhabba eccessi, ingurji gravi, minacci u theddid kif ukoll vjolenza morali kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha, u b'hekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment tort ta' l-istess konvenut. Illi l-konvenut min-naha tieghu cahad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici, B Theresa sive Marthese Saliba,** xehdet li hi u zewgha kienu jafu lil xulxin ghal hafna snin minhabba li kienu girien. Tlett snin wara li bdew johorgu flimkien izzewgu. L-eghrusija taghhom kienet wahda pjuttost normali. L-ewwel seba' snin taz-zwieg ma kienx hemm inkwiet partikolari. Dak iz-zmien kienu joqoghdu l-Msida. Minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal. Fiz-zmien li twieldu l-ahhar zewgt itfal marru joqoghdu fl-appartament f'Pembroke li ghadha r-residenza attwali taghhom.

Illi hija sostniet li l-inkwiet bejniethom beda ghal habta tas-sena 1994 minhabba wirt ta' missierha. Wara li nqalghet din il-problema huwa beda jinjora kemm lilha kif ukoll lit-tfal, u lanqas biss kien ikellimhom.
Illi hija xehdet li zewgha dejjem kien iffissat fuq il-flus u ghalkemm ma kienx joggezzjona ghall-pagamenti biex tixtri l-ikel kien igibha bi kbira jekk kienet tghidlu li t-tfal kellhom bzonn xi affarijiet. *Inoltre'* kompliet li hija dejjem insistiet fuq l-edukazzjoni tat-tfal, izda huwa qatt ma wera nteress. Ghal dawn l-ahhar snin id-*donations* ghall-minuri qed thallashom hi.

Illi hija xehdet li meta kienet tahdem *part-time* kienet titlaq mid-dar fit-3.30p.m. u thalli t-tfal ma’ zewgha. Huwa kien ihallihom wahedhom u jmur ighin fix-xoghol ta’ kostruzzjoni tal-knisja l-gdida fuq bazi volontarja. It-tfal kien ihallihom f’idejn it-tifla B li dak iz-zmien kellha tmin snin u z-zghira kienet tarbija.

Illi wara li bdew il-problemi dwar it-testment ta’ missierha zewgha beda jiffissa bil-kbir fuq ir-religjon. Beda jghir ghaliha b’mod ezagerat – kien icemplilha fuq ix-xoghol il-hin kollu; kien ikun irid jaf kienet tkun u ma ridhiex tmur tara lil familtha. Kien jakkuzaha kontinwament li kellha xi relazzjoni ma’ xi terzi u kien anki jivverifikaha fizikament billi jiccekkjaha jekk kellhiex xi relazzjoni sesswali ma’ xi ragel iehor. Hija tichad li qatt xi darba kellha xi relazzjoni extra-maritali.

Illi hija xehdet li zewgha kien vjolenti maghha u refa’ jdejh fuqha. Kien jikkontrollaha fuq il-flus tant li kien ikollha zzomm notamenti u *records* ta’ l-infieq totali taghha sa l-anqas centezmu.
Illi huma ghamlu hames gimghat minghajr dawl minhabba li ma thallasx il-kont. Il-konvenut hallsu fuq ordni tal-Qorti. F’dak iz-zmien it-tifel il-kbir kien qed jistudja u jittajpja t-tezi tieghu. Hija saret taf li hemm ukoll arretrati tal-kera tal-fond fejn joqoghdu. Hija thallas l-ispejjez kollha tat-tfal.

Illi sussegwentement ipprezentat affidavit ulterjuri sabiex tispjega r-rilevanza ta’ diversi dokumenti ezebiti minnha. B’referenza ghar-ritratti spjegat li zewgha qasqashom. Qalet ukoll li ilhom bla linja tat-telefon zmien twil.

Illi sa minn qabel ma fethet il-proceduri tas-separazzjoni hija allegat li zewgha gibed kull sold li kien hemm f’kont *joint.* Zewgha juza’ d-dar matrimonjali bhala *hotel.* Hija allegat li darba minnhom dahhal mara fid-dar u kellu rapport sesswali maghha. Wara dan l-allegat episodju ratu tlett darbiet ma’ mara ohra izda ma tistax tikkonferma jekk kinitx l-istess mara.

Illi hi kompliet li lit-tfal il-kbar ma jkellimhomx. Esebiet karta li fuqha allegatament il-konvenut kiteb *“Monika say*

*hi to your Fido". Inoltre'* l-attrici xehdet li hija kienet ilha sa minn tlett snin u nofs qabel il-prezentata ta' l-affidavit torqod fil-kamra tas-sodda tat-tifel l-kbir fuq saqqu ma' l-art filwaqt li l-konvenut jorqod fil-kamra tas-sodda matrimonjali wahdu.

Illi d-dar matrimonjali hija mikrija lilhom minghand l-Awtorita' tad-Djar. Hija ssostni li din id-dar mhiex komodament divizibbli.
Illi **Noel Saliba** , iben il-kbir tal-kontendenti, xehed li dak iz-zmien li kien qed jirridegi l-affidavit, kien student universitarju  jsegwi l-kors ghal spizjar. Huwa jghix id-dar flimkien mal-genituri u hutu. Huwa xehed li sa fejn jiftakar il-problema bejn il-genituri tieghu dejjem kienet in-nuqqas tal- flus. Ommu kienet tiehu hsieb il-finanzi tad-dar u l-iskejjel taghhom. Hija kienet tahdem *part-time* u bdiet tahdem *full-time* recentement.

Illi missieru beda jiehu kontroll hu tal-finanzi fl-ahhar hames jew sitt snin. Beda jiffissa fuq il-flus u ghamel xi erba' xhur ma jaghtihiex flus u f'dak il-perjodu bdiet thallas il-mizati kif setghet minn flusha. Missieru kellu fisazzjoni fuq il-flus tant li kien igieghel lil ommu zzomm rendikont tal-flus kollha li kienet tonfoq. Huwa wkoll kien izomm rendikont ghall-flus li kien jonfoq hu.

Illi ghalkemm missierhom kien isaqsihom kif kienu jmorru l-iskola pero' meta ommhom kienet tkun xoghol ftit kien ighinhom ghax izjed kien ikun fil-garaxx/workshop tieghu. Kien ukoll ossessjonat dwar ir-religjon b'mod ghal kollox eccessiv.

Illi huwa kkonferma li ilhom minn Ottubru 2001 bla linja telefonika u li ghamlu hames gimghat bla dawl. Huwa spjega li l-computer xtrah permezz ta' *student loan* u l-pagament ta' Lm20 fix-xahar kienu jtuhomlu l-genituri tieghu. Meta l-genituri spiccaw il-Qorti missieru u ommu bdew jaghtuh Lm10 fix-xahar kull wiehed. meta kienu bla dawl nizzel il-computer ghand in-nanna tieghu. Missieru kien insista li jiehu nofs il-*computer* lura d-dar ghax kien qed ihallas nofs il-pagament. Ix-xhud irrifjuta u b'hekk il-konvenut hedded li kien se jinzel ghand in-nanna biex

jiehu nofsu u rah allegatament ighabbi mazza fil-boot tal-vann tieghu. L-ghada ta' dan l-incident missieru heddu li jekk ma kienx se jtella' nofs il-computer kien se jcahhdu mill-karozza minhabba li ghalkemm tieghu kienet registrata fuq missieru. B'hekk huwa ddecieda li jhallas lil misseru s-sehem li kien hareg sa dak iz-zmien ghal computer. Ommu min-naha taghha ghadha ttih l-Lm10 fix-xahar.

Illi huwa qal li la huwa u lanqas hutu ma jaghtu flus lil ommhom ghal hajja. Ukoll xehed li kemm huwa kif ukoll hutu ddiskutew bejniethom u kollha kemm huma jixtiequ jkomplu jghixi m'ommhom. Bhalissa s-sitwazzjoni qieghda mpossibbli d-dar minhabba li missierhom baqa' jghix hemm. Huwa jsostni li d-dar ma tistax tinqasam kif jixtieq missieru.

Illi susegwentement gie pprezentat affidavit ulterjuri fejn xehed li qabel ma' beda l-inkwiet id-dar missieru kien jipprova jiehu hsiebhom mill-ahjar li seta'. Kien jehodhom il-privat. Kien jinsisti fuq l-iskola u gieli ghenu fil-homework. Kien jaghti mportanza lill-formazzjoni religjuza tieghu u kien jehodhom quddies kull nhar ta' Hadd. Fid-dar kien ighin fit-tisjir, tindif u l-hasil ta' hwejjeg meta ommu kienet tkun xoghol. Dan ma kienx isir dejjem ghax kemm-il darba kien ikun fil-workshop ghal sieghat twal u allura l-affarijiet tad-dar li ssemmew kienet tiehu hsiebhom ommu meta tasal lura mix-xoghol.

Illi mill-prezentata ta' l-ewwel affidavit xehed li missieru jikkunsidra d-dar biss bhala *hotel.* Huwa juza' d-dar biex jinhasel u jorqod. Jekk ikun hemm xi hsarat ma jaghmel xejn u jkollhom jiehdu hsieb huwa u ommu. Gieli okkazjonalment ma raqadx id-dar.

Illi l-interess f'hutu huwa kwazi inezistenti minhabba li jkellimhom biss ftit filghaxija u lanqas ghall-muzew jew privat ma jwassalhom. Lilu u lil ohtu B ma jkellimhomx u b'hekk lanqas ix-xhud ma jkellmu. Semma' li  biex lil ommu jaghtiha l-manteniment gieli juza' ton aggressiv. gieli qabduh jissemma u jfittex fl-affarijiet tieghu u ta'

ommu. Minhabba din is-sitwazzjoni huwa jkollu jistudja ghand nanntu jew habib tieghu.

Illi meta gie prodott bhala xhud tal-konvenut huwa xehed li ghandu rapport tajjeb hafna ma’ ommu. Huma jitkellmu hafna fuq is-sitwazzjoni li qed ighixu fiha bhalissa. Hija bl-ebda mod ma tbezzghu jew tintimidah jew tghidlu x’ghandu jghid.

Illi in kontro-ezami xehed li sa certu punt jhossu protettiv lejn ommu minhabba li ra atti ta’ vjolenza d-dar bejn ommu u missieru u kellu jidhol bejniethom biex iferraqhom. Id-dettalji tal-incident ma jiftakarhomx.

Illi fl-affidavit taghha **B Saliba Thorne**, it-tifla tal-kontendenti, ikkonfermat dak li xehed huha. Hija xehdet li dak iz-zmien ta’ l-affidavit kienet studenta bi stipendju u li hija ma taghtiex flus lil ommha ghal hajja. *Inoltre’* kkonfermat li hi tixtieq tibqa’ tghix m’ommha u li skond hi l-appartament fejn joqoghdu ma jistax jinqasam.

Illi hija wkoll ipprezentat affidavit ulterjuri u bazikament ikkonfermat dak li qal huha. Hija xehdet ukoll li darba minnhom ommha kellha citazzjoni tal-parking u missierha kien iggieled maghha u spicca hebb ghaliha. Kellhom ikunu hi u huha biex izommuh. Wara dan l-incident qalalha l-kappa tad-*distributo* tal-karozza.

Illi hija rreferiet ukoll ghal incident iehor fuq il-komodini. Wara li rritornaw lura mill-hrug sabu li kien ghalaqhom barra billi dawwar *wire* mal-bieb u kellu jhaffer toqba fil-bieb ghal dan il-ghan.

Illi **Joseph Thorne,** hu l-attrici, xehed li l-problemi bejn il-kontendenti bdew qabel ma kien jaf bihom huwa. Jidher li wara l-mewt ta’ missieru kien hemm xi problemi u ma kienx hemm ftehim bejniethom. Huwa avvicina lill-konvenut li beda jghid li ma giex muri certu affarijiet u li ommi dahket bih ghal dawk li huma flus. Huwa laqqaghhom flimkien u qalu li kienu se jaghmlu kompromess bejniethom u li kienu se jippruvaw jibnu hajja mill-gdid minhabba t-tfal. Il-konvenut ried izomm certu flus

u pagi li ma jitqassmux lill-mara. Qallu li jaghtiha Lm2 fil-gimgha u jzomm kollox huwa u jqassam il-hajja bhala xiri u affarijiet hekk u jiehu hsieb il-pagamenti hu. Illi huwa jaf li ghamlu xi zmien bla dawl u t-tfal infatti nizlu l-kompjuter ghand ommu u jistudjaw hafna drabi hemmhekk.

Illi in kontro-ezami xehed li huwa dahal fl-istorja xi sitta jew seba’ snin qabel imbaghad ma regax dahal fiha. Huwa kien tahom parir biex ma joqoghdux jirrispondu lil xulxin. Huwa kien ighid lil ohtu biex tipprova tirranga bil-kelma t-tajba. Huma kienu xi kultant jiggieldu fuq ix-xejn sa fejn jaf huwa meta pprova jirranghom ma kienx hemm terzi persuni nvoluti. Huwa ma tantx jaraha lil ohtu u ma jafx jekk ghall-ahhar tlett snin ohtu kellhiex relazzjoni.

Illi **Kenneth Thorne,** xehed li ohtu qaltlu li l-problemi kienu nqalghu minhabba l-wirt ta’ missieru. Jaf li huh il-kbir ipprova jirrangahom. Jaf li l-kompjuter tat-tfal nizzluh ghand ommu biex jistudjaw peress li ma kellhomx dawl. Kien inqala’ incident mar-ragel t’ohtu. It-tfal kienu jghidulu li missierhom ma kienx jaghti kashom. Ma kienx jitmaghhom u jkellimhom ghal bzonn biss.

Illi in kontro-ezami xehed dakinhar tal-incident huwa kien fil-karozza m’ohtu. Ohtu kienet tahdem ma’ tan-nuccalijiet; segretarja. Jaf li ohtu kienet ilha tahdem xi erba’ snin. Huwa ma jafx jekk ohtu tat xi flus lil ommu biex izzommhomlha. Lilu zgur li ma tatux anzi ighinha hu. Huwa ma jafx kif ohtu tqassam il-paga u lanqas jekk il-konvenut johrogx lit-tfal.

Illi xehdu wkoll rapprezentanti tal-banek lokali; kif ukoll rapprezentant tal-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura u mid-Dipartiment fil-Ministeru tat-Turizmu dwar l-impjieg u d-dhul tal-konvenut.

Illi l-**Ispettur Raymond Anastasi** xehed li meta kien stazzjonat San Giljan kien ircieva ittra minghand l-avukat ta’ l-attrici fejn kien hemm li l-konvenut kien licenzjat biex izomm senter pero’ ma kienx ihallieh imsakkar kif suppost. Kien ihallieh ma’ xi gradenza. Kien hemm il-biza’ li t-tfal iz-zghar jkunu nvoluti f’xi incident. Wara xi zmien baghat

ghaliha u assiguratu li s-senter ma kienx ghadu hemm u b’hekk l-investigazzjoni waqfet. Huwa ma kienx involut fir-rapporti l-ohra. Ma jiftakarx il-kawzi fejn kien prosekutur pero’ jaf zgur li kienu dwar vjolenza. Kien gie mharrek il-konvenut.

Illi **Joan Camilleri,** clinical psychologist, xehdet li kienet cemplitilha l-avukat ta’ l-attrici biex taghmel assessment peress li l-attrici kienet qed tbati psikologikament fid-dar taghha. Huma kienu ltaqghu xi tlett darbiet. Darba minnhom ma’ l-attrici wahedha, darba ohra mat-tifla B u darb’ohra ma’ l-attrici u z-zewgt itfal taghha B u B.

Illi l-ewwel darba hadet idea generali tal-kaz u ndunat li B l-aktar li kienet qed tbati mit-tfal u b’hekk iddecidiet li tiltaqa’ wahedha maghha. Hija ghamlet tlett forom ta’ assessments.

Illi hija kkonkludiet li l-attrici hija orjentata u l-percezzjoni taghha hija korretta. Hija rreferiet ghar-rapport maghmul minnha ezebiet a fol. 5 sa 8 tal-process. L-aktar haga li kienet iddejjaq lill-attrici kienet li jitkellem kontra taghha mat-tfal u kien jakkuzaha li tkun zlejali mieghu. Huwa sa anki kien hemm drabi fejn kien jiccekkjalha persunitha kif tasal lura mx-xoghol u kien ifittex fil-kxaxen biex jara jekk kinitx tahbi xi flus.

Illi skond ix-xhud jidher li l-konvenut huwa rrabjat minhabba c-cirkostanzi li kienu ghaddejjin minnhom l-familja u juri r-rabja tieghu b’mod li jistghu jbatu t-tfal.

Illi rigward B dak iz-zmien kellha sittax-il sena. Kienet qed tistudja. Kull darba li ma tobdiex missierha kien ighidilha li hi ggib ruhha bhal ommha. *Inoltre’* huwa ma kienx ihalliha tistudja ghax kien ighidilha certu diskors li kien itellfilha l-koncentrazzjoni. Hija qaltilha li rat lil ommha b’geddumha minfuh u assumiet li missierha kien taha daqqa. Dan ghaliex kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn il-konvenut ta xi daqqiet lil martu quddiem it-tfal. Infatti darba minnhom hija u huha waqqfu lil missierhom milli jaghti daqqa lil ommhom b’xi bicca ghodda minhabba li kienet qalghet citazzjoni.

Illi B min-naha l-ohra ma tindahalx fil-glied u tghid li lilha missierha ma jitrattahiex daqshekk hazin u tghid li lil missierha thobbu.

Illi milli qalulha l-attrici u B skond li ndikalha DSM 4 il-konvenut ghandu problema ta' personalita' li tissejjah paranoia. B'hekk ikun ta' gid li huwa jara lil xi hadd. Fin-nuqqas it-tfal ser ikomplu jbatu. Hija kkonfermat ir-rapport taghha.

Illi in kontro-ezami xehdet li hija ghandha l-kariga ta' senior Clinical Psychologist, Mount Carmel Hospital; u Clinical Psychologist ma' Substance Abuse Therapeutical Unit; kif ukoll psychologist mal-Kurja.

Illi dwar B qalet li kull meta ratha dejjem bkiet. Waqt li kienet qed tibki kienet qieghda tghid li missierha fejn qabel ma kienx igerger, kien qieghed igerger maghha l-hin kollu. U meta jkollu xi jghid m'ommha kien jaqbad maghha u kull meta ma kinitx tobdih kien ighidilha li qed iggib ruhha bhal ommha. Kien itellifha fl-istudju ghax kien joqghod igerger kontra ommha u nannitha. Kienet konxja tal-fatt li ommha ma kienx ikollha flus f'idejha.

Illi dwar il-konkluzzjonijiet li wasslet ghalihom fuq il-konvenut kien abbazi ta' dak li semghet minghand haddiehor. Lilu qatt ma kellmitu jew ghamlitlu xi ntervista jew xi assessment.

Illi kien hemm mumenti fejn meta kienet qed tkellem lil B l-omm ma kinitx prezenti. Li kieku kien hemm affarijiet li ommhom ma kinitx qed tghid sewwa kienu jirribattu. Lit-tfal hija kellmithom wahedhom.

Illi l-konvenut skond hija huwa bniedem li jghir, li huwa sensittiv hafna u jiehu ghalih malajr u jhoss li b'xi mod il-familja tkun qeghda tikkonfoffa kontrih. Hija qalet li f'kazijiet ta' paranoia informazzjoni ta' certu mportanza tigi minghand il-familja li tkun qed tghix mieghu. Kundizzjonijiet ta' personalita' bhal *obsessional personality* jew paranoia huma ereditarji. Minn wara r-

rapport hija ma regghetx iltaqghet maghhom. *Inoltre’* qalet ukoll li t-tfal qatt ma ndikawlha min kien qed ikun il-percimes. L-omm dehret li kienet lesta li taghmel dak li hemm bzonn biex tghin lil uliedha.

Illi l-**konvenut, B,** xehed li z-zwieg taghhom qatt ma kien trankwill ghall-ahhar minhabba li fost affarijiet ohra omm il-mara dejjem kienet tindahal f’kull decizjoni li kienet tittiehed fuq il-familja. Pero’ b’xi mod dejjem imxew u kulhadd ghamel il-parti tieghu. Huwa dejjem hadem u martu gieli hadmet *part-time* wkoll. Huwa dejjem ipprova jghin kemm fit-tindif, fit-tisjir u fit-trobbija tat-tfal.

Illi ghal xi ghoxrin (20) sena huwa kien jaghti l-paga lill-mara u tiehu hsieb kollox hi. Huwa jsostni li martu ghandha karattru dominanti. Kienet fuq insistenza tieghu li t-tfal marru skejjel privati. L-attrici u ommha qatt ma riedu hekk minhabba l-flus.

Illi l-problemi bejniethom bdew xi sentejn u nofs qabel izda r-relazzjoni taghhom kienet ilha sejra lura u dan ghaliex martu hija persuna li thobb tisfida. Huwa jeddiskriviha bhala persuna li jkollha xi tghid hafna mal-girien. Darba minnhom hija qabdet u bdiet torqod fil-kamra tas-sodda tat-tifel u deher car mill-bidu li ma kellha l-ebda ntenzjoni li tirranga s-sitwazzjoni. Huwa pprova jkellem lil Dun Victor Grech u lil Dun Gorg Dalli. Lil Dun Gorg Dalli kellmitu imma lil Dun Victor Grech ghalkemm baghat ghaliha ma rrispondietux.

Illi wara xi zmien qaltlu li trid il-liberta’ taghha u ftit gimghat wara bdiet il-proceduri. Minn dak iz-zmien l-affarijiet marru ghall-aghar minhabba li m’hemmx komunikazzjoni – lanqas biss jitkellmu. B’hekk spiccaw jizfnu fin-nofs it-tfal.

Illi huwa cahad li kien jikkontrollaha fil-flus u r-rendikont li riedha taghmel kien ghal tlett xhur biex ikunu jistghu jaghmlu budget ghalihom.

Illi l-ispejjez tad-dar kwazi kollha hi taghmilhom minhabba li hu ftit ikun id-dar. Wara x-xoghol imur ghand ohtu biex jevita l-atmosfera ta’ tensjoni li jkun hemm id-dar.

Illi huwa jixtieq li d-dar matrimonjali tinqasam. Il-Bord tal-MEPA approva l d-dar hija komodament divizibbli. Din id-decizjoni bhalissa  qed tistenna konferma mid-Dipartiment tas-Sanita'. Ukoll hemm *no objection* da parti tal-Akkomodazzjoni Socjali. Il-Perit tieghu pprepara wkoll pjanti f'dan ir-rigward.

Illi dwar ir-rapporti li ghamlet il-mara darba biss instab hati u wehel ammenda. Kien hemm hafna drabi fejn seta' jaghmel rapporti izda ried izomm il-paci. Huwa jichad li m'attendiex ghall-precett tat-tifla – ma kienx pogga hdejhom fil-knisja u ma riedx jidhol fir-ritratti ma' martu ghax kienu miggieldin. Jichad l-allegat incident dwar il-mazza. Kif ukoll jichad li qatt dahal lil xi mara ohra d-dar. Dawn l-affarijiet qatt m'ghamilhom anzi jghid li martu kemm-il darba qed tasal id-dar hafna aktar tard milli suppost.

Illi dwar il-karta sostna li din taqra "*Marika, say hi to your kids"* u mhux kif qalet martu. Din in-nota kitibha lil Marika Bayliss li sar jafha fuq xoghol. Din il-persuna hija mara mizzewga bit-tfal u m'hemm xejn bejniethom.

Illi xehdu wkoll rapprezentanti tal-Pulizija dwar rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut.

Illi **Dun Gorg Dalli** ddikjara li ilu jaf hafna lil B ghax kien midhla tal-knisja tal-Ibragg. Kien ighin fil-bzonnijiet materjali taghha. Kien jattendi ghac-celebrazzjonijiet religjuzi wahdu kif ukoll mal-familja shiha. Huwa kien jara lil Alfred jaghmel minn kollox biex jara lil uliedu jattendu l-attivitajiet li l-parrocca tkun hejjet ghalihom u li huma kienu jiehdu gost hafna jattendu.

Illi xehed ukoll **Leonard Zerafa,** in rappresentanza tad-Dipartiment tad-Djar, li qal li permezz ta' ittra datata 22 ta' April 2003 id-Direttur kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet fejn qallu li d-Dipartiment ma jsibx oggezzjoni li l-post jigi maqsum f'zewg units.

Illi **Joseph Mifsud** xehed li huwa jaf lill-attrici u li ilha tahdem mieghu ghal xi xhur. Kienet tahdem fuq bazi part-time. Kien jaghtiha Lm18 fil-gimgha f'idejha.

Illi **Simone Mifsud** xehdet li l-konvenut jigi hu ommha. Hija gieli kienet tmur id-dar tal-partijiet. Il-konvenut dejjem kien jiehu hsieb it-tfal u jinteressa ruhu jnaddaf il-kcina. L-attrici kienet tmur ghax-xoghol u huwa kien imur id-dar jiehu hsieb it-tfal. Dwar l-attrici qalet li hija kienet tippretendiha. Max-xhud ma kinitx timxi tajjeb. Lit-tfal pero' kienet tittrattahom tajjeb. Skond hi kellha naqra *power* u patrunanza zejda. L-attrici kienet tahdem ma' Dr Soler u x-xhud kienet tmur ghandhom filghaxija.

Illi in kontro-ezami xehdet li kien hemm zmien fejn kienet tmur fid-dar tal-partijiet. Dan ilu xi sitta jew seba' snin. Hija qalet li xehdet dwar dak li taf hi. Il-konvenut kien jinteressa ruhu jnaddaf id-dar. Dan qed tirreferi ghaz-zmien meta kienu jahdmu t-tnejn. L-attrici ghamlet zmien tahdem il-Hompesch Bakery. L-imghallem taghha kien zewg ix-xhud li minnu ilha separata sitt snin.

Illi **Tanya Vella,** in-neputija tal-konvenut, xehdet li zijuha huwa ragel onest, tal-familja u dedikat ghat-tfal tieghu. Hija taf li hu jiehu hafna nteress f'uliedu specjalment dak li ghandu x'jaqsam ma' religjon. Sa ftit ilu kien imur mat-tfal kollha l-quddies kull nhar ta' Hadd. Huwa jinkwieta hafna ghalihom. Dan tafu ghax huwa kuljum imur ghand ommha u meta tinzertah hemm dejjem fuq hekk jitkellem.

Illi meta l-attrici kienet tahdem filghaxijiet kienet issib l-ikel imsajjar u l-hwejjeg nodfa, id-dar nadifa u t-tfal mahsulin. Wara li kienet tiekol kienet tintefa' quddiem it-televizjoni. Huwa kien ighinhom fil-homework. Hija taf ukoll li l-attrici kienet izzomm il-flus tal-paga tieghu ghax gieli semghet lil zijuha jitlobha xi flus. Dan kollu tafu ghax ghamlet hames xhur tghix maghhom xi ghaxar snin ilu.

Illi hija sostniet li l-attrici dejjem kienet peruna possessiva, egoista u arroganti u kienet titratta lil zijuha hazin. Kienet titkellem hazin quddiem it-tfal u kienet taghmillu hajtu nfern. L-attrici dejjem lesta tivvinta fuq in-nies.

Iddeskrivieta li hija persuna li tasal taghmel kollox. Skond ix-xhud t-tfal jibzghu minnha u jaghmlu dak li tghdilhom hi.

Illi in kontro-ezami xehdet li kienet ilha xi ghaxar snin ma tkun fid-dar matrimonjali tal-kontendenti. Hija xehdet li l-attrici qatt m'ghamlet pressjoni biex tiehu lit-tfal ghall-quddies. Hija qalet li dak li kitbet fl-affidavit illum il-gurnata huwa dak li qed ighidilha zijuha pero' meta kienet tghix maghhom kien jehodhom il-quddies.

Illi hija xehdet li rat glieda bejn l-attrici u l-girien taghha u l-attrici tefghet arma fil-bieb ikkargata u qalet li l-ewwel bniedem li jidhol tisparalu. Ix-xhud kienet prezenti. Dak l-incident tal-Imsida hija kienet fil-karozza u l-glieda ma rathiex kollha. Hija tiftakar li kienet tiggieled ma' kulhadd anke man-nannu kienet titkellem hazin. Ix-xhud minn dejjem kienet man-nanniet u kienet ukoll miggielda minn m'ommha. Kemm l-attrici u l-konvenut kienu laqaghwa f'darhom. Meta kienet tkun xoghol kien inaddfilha d-dar. Hija thoss li l-attrici hija mara li tasal.

Illi **Sister Emerenzjana Vella**, Headmistress ta' l-iskola Our Lady Immaculate, Hamrun fejn jattendu l-iskola z-zewg minuri xehdet li t-tfal jahdmu tajjeb. M'ghandhiex problemi bihom. Missierhom spiss imur jiccekkja l-andament taghhom u fil-parents day ommhom marret ukoll.  L-ghalliema qatt ma qalulha li hemm xi problemi. Hija ma tafx jekk f'dawn l-ahhar tlett snin it-tfal kienux qed iqattghu zmien man-nanna jew le flok fid-dar matrimonjali.

Illi **Marica Bayliss** xehdet li hija, r-ragel u t-tfal taghha saru jafu lill-konvenut fuq ix-xoghol. L-ewwel darba li saret tafu kien il-Ministeru. Ilha tafu madwar sena u nofs jew sentejn. Huma jiltaqghu regolarment minhabba l-attivitajiet li jorganizzaw. Kienu jiltaqghu darbtejn jew tlieta fix-xahar u kienu jkunu hemmhekk zewgha w uliedha. Hija taf lill-konvenut bhala bniedem affidabbli. Huma ghamlu flimkien xoghol ta' politika u anki filantropiku. Gieli ltaqghu aktar spiss ukoll. Hija ma tafx jekk iltaqax ma' xi haddiehor f'dan il-grupp. In kontro-ezami xehdet li hija u zewgha ilhom erba' snin separati pero' jghixu fl-istess dar.

Illi **B Saliba Thorne,** bint il-kontendenti, xehdet li ilha tiftakar lill-genituri taghha bil-problemi ghal dawn l-ahhar snin. Hija thobbhom it-tnejn li huma u ma hi rrabjata ghal hadd minnhom. It-tnejn jiehdu hsiebha u qatt ma naqqsuha f’xejn. Pero’ minn meta beda l-inkwiet kemm missierha kif ukoll it-tfal ma tantx ighaddu hin id-dar. Hija xehdet li ghandha relazzjoni tajba hafna kemm mal-genituri taghha kif ukoll ma’ hutha l-ohra. Hija tkellem lill-genituri taghha t-tnejn li huma. Noel u B u missierha ma jitkellmux. Meta kienet izghar kienu jghinuha fil-homeworks. Illum li qed tikber tistaqsi lil huha Noel.

Illi hija xehdet li mhiex kuntenta d-dar ghax l-atmosfera m’ hiex wahda trankwilla ghal hadd. Hija jiddispjaciha li l-genituri taghha qed jinfirdu izda fic-cirkostanzi thoss li din hi l-ahjar soluzzjoni ghalihom kif ukoll ghall-ahwa. Hija lanqas ma’ taqbel li d-dar tinqasam kif propost. Jekk missierha jkollu jitlaq mid-dar hija tixtieq tmur tarah meta joghgobha.

Illi hija xehdet li kien ikun hemm glied bejn il-genituri taghha. Gieli kienu joffendu lil xulxin. Darba kellhom xi jghidu u missierha waddab komodina lejn ommha li kienet wegghet subghajha. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn missierha hedded lil ommha li jtiha daqqa ghaliex fl-opinjoni tieghu kien hemm hafna dwal mixghulin. Tiftakar li xi hadd tefa’ l-veranda u kollox waqaf hemm.

Illi darb’ohra tiftakar li semghet lil missierha jghid lil ommha li jekk omm ommha tidhol f’darhom kien itiha daqqa ta’ siggu. Qatt ma wasal ghal hekk ghax in-nanna qatt ma marret ghandhom. Issemmi wkoll li darb’ohra kellhom xi jghidu bil-fomm u semghet lil missierha jghid kliem fis-sens li ghandu fejn imur u li ried jibqa’ hemm biex ikun ta’ piz.

## <u>(B) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

### (i) <u>Responsabilita’ tal-firda personali.</u>

Illi l-attrici allegat diversi affarijiet fil-konfront tal-konvenut fosthom li l-inkwiet bejnitehom inqala’ minn wara mewt ta’

missierha minhabba l-wirt; dan apprti li allegat li l-konvenut ftit li xejn kien jiehu nteress fit-tfal; li kellu fissazzjoni fuq il-flus u gieli hallihom neqsin minnhom; li kien ikun vjolenti maghha; li kien ighir hafna ghaliha u jakkuzaha regolarment li kellha xi relazzjoni ma' terzi; li kellu fissazzjoni fuq ir-religjon u fl-ahharnett tallega li minn mindu sseparaw huwa ghandu relazzjoni ma' terza persuna.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jichad li huwa ma weriex interess fit-tfal. Huwa jinsisti li dejjem hadem ghall-familja u li ghal xi ghoxrin (20) sena kien jaghtiha l-paga kollha u tmexxi kollox hi. Huwa sostna li martu ghandha karattru dominanti u hija persuna li thobb tisfida u mara li tiggieled man-nies. Kienet hija li qatt ma riedet tirranga s-sitwazzjoni u fl-ahharnett jinsinwa li martu qieghda ma' haddiehor ghax iddum filghaxijiet aktar milli suppost.

Illi t-tnejn li huma pproducew xhieda sabiex jikkoroboraw l-allegazzjonijiet taghhom. Din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok mill-provi prodotti rrizulta li z-zwieg tal-kontendenti ghamel zmien twil pjuttost wiehed normali bil-problemi ta' kuljum. Jidher u dan anki kif xehdu t-tfal li l-konvenut meta martu kienet tmur tahdem kien ukoll jaghti s-sehem tieghu fid-dar. Izda ma' hemm l-ebda dubju li l-affarijet bdew immorru lura tant li l-konvenut stess jammetti dan u jghid li dawn aggravaw meta martu qabdet u marret torqod fil-kamra tat-tifel. Dan jghidu bla ma' ta l-ebda ndikazzjoni x'kienet ir-raguni li wasslet lill-attrici ghal dan, qisu dan gara hekk ghal xejn b'xejn.

Illi min-naha l-ohra l-attrici ssostni li l-inkwiet beda minhabba l-wirt ta' missierha. Il-konvenut ghazel li ma jikkumentax dwar din l-asserzjoni u din il-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi gie konkludentement ippruvat li dak li allegat l-attrici huwa minnu, u jidher li l-problemi kollha bdew meta l-konvenut indahhal b'mod mill-iktar pressanti fuq l-eredita' ta' missier l-attrici u beda jfajjar diversi akkuzi fil-konfront ta' familjari ta' l-attrici; dan huwa kollha riprodot mix-xhieda ta' l-attrici u wkoll ta' uliedha u wkoll ta' hutha fosthom Joseph Thorne li kien kellem lill-partijiet flimkien.

Illi f'dan il-kuntest ma' hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li l-versjoni ta' l-attrici gie ghal kollox ippruvata, u bizzejjed wiehed ihares lejn ix-xhieda ta' l-attrici, ta' uliedha, li sfortunutament il-partijiet riedu jdahhlu fil-kawza, u tal-psikjatra Joan Camilleri, sabiex wiehed jidhem ghal x'hiex gie soggettata l-attrici waqt din il-problema; fejn jidher li l-konvenut issoggetta lill-attrici ghal diversi affarijiet umiljanti, inkluz li jfittex mhux biss fi hwejjigha izda wkoll fil-partijiet personali u intimti taghha, sabiex huwa jserrah mohhu li ma' kellhiex relazzjoni ma' terzi.

Illi mhux biss izda gie wkoll ppruvat li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront ta' l-attrici w anke ta' wliedu. Dan jixhduh mhux biss ir-rapporti lill-pulizija li hija ghamlet izda wliedhom stess li gieli kienu jkunu prezenti waqt il-glied tant li t-tnejn il-kbar f'episodju minnhom indahlu biex iferrquhom. It-tnejn il-kbar u l-missier ma jitkellmux u ghalhekk l-insinwazzjoni kienet li dawn jaghmlu kif tghidilhom ommhom izda B li hija t-tielet wild u li hija pjuttost newtrali wkoll xehdet dwar episodji ta' vjolenza min-naha tal-missier.  Mhux biss izda jidher li l-istess konvenut, anke waqt il-kawza 'hadem' fuq uliedu sabiex jinnewtralizza x-xhieda taghhom fil-konfront tieghu, u huwa stess ressaqhom bhala xhieda. Izda dan serva biss biex juri lil Qorti sa fejn lest li jassal il-konvenut, imbasta jhares l-interessi personali tieghu.

Illi ma' hemm l-ebda dubju li l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedu huwa mhux biss assolutament inaccettabbli, anzi kundannabbli, u dan peress li jidher li assogetta lill-attrici u lil uliedha ghal swat, eccessi, injurji gravi, vjolenza domestika u umiljazzjonijiet serjissimi, inkluz li fil-mori tal-kawza lanqas biss kien ihallas il-kontijiet tad-dawl bir-rizultat li uliedu stess ma' setghux juzaw il-komputer ghal l-istudji taghhom, mbasta huwa kompla kemm jiflah jimpika ma' martu; mara li huwa issoggetta ghal umljazzjoni totali u bizzejjed wiehed ihares lejn ix-xhieda taghha u r-rapport tal-psikjarta Joan Camilleri, li kkonfermat anke f'seduta fil-Qorti.

Illli dak li ghamel il-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedu, huma atti ta' mohqrija, krudelta' w umiljazzjoni, kollha nexxenti mill-kilba tieghu ghall-flus, u sabiex jikkonrolla lil martu fuq kull sold li jintefaq, u ghad-dettalji tal-limiti li wassal ghalihom il-konvenut, wiehed biss ghandu jhares u jifli x-xhieda prodotta f'din il-kawza minn martu stess u la darba hekk riedu l-partjiet, minn uliedu stess, li intuzaw sabiex bihom iwegga' lil ommhom, anke billi naqas li jipprovdi ghalihom l-affarjiet essenzjali bhala dawl u ilma, u dan meta l-introjtu tieghu certament kien u ghadu jippermetti dan. Dan sar minkejja li l-istess konvenut gie avzat diversi drabi sabiex ma' jkompliex jippersisti b'dan l-attagement tieghu, u fil-fatt din il-Qorti jkollha tistqarr li l-komportament tieghu f'din il-kawza, kien konformi ma' l-attagament tieghu lejn l-attrici u anke f'hafna istanti lejn uliedu, u cjoe' attagament ta' pika estrema, u l-attitudini li min mhux mieghu kontra tieghu, u huwa lest u dispost li juza kull mezz ghal interessi tighu, inkluz kif jirrizulta li ghamel f'din il-kawza anke vjolenza.
.
Illi certament ghalhekk jirrizulta li huwa rrenda hajjet l-attrici difficli u mizera mhux biss ghall-kontroll esegerat fuq l-finanzi tal-familja izda sahansitra bl-ghira zejda tieghu ghaliha meta sa anki wasal biex jiccekkjaha fizikament wara li tasal mix-xoghol biex jassigura ruhu jekk kellhiex x'taqsam ma' xi hadd. Dan kollu ma giex lanqas michud mill-konvenut u ma hemm l-ebda dubju li b'tali azzjonijiet oxxeni u baxxi huwa kellu intenzjoni unika li jumilja lil martu stess bl-iktar mod assolut. Mhux biss izda sahansitra kien ifittex fl-affarijiet personali taghha u jcempillha kontinwament biex jara fejn tkun. Dan l-attaggament juri li l-konvenut ried u itenta jissoggetta lill-attrici ghad-dominju assolut tieghu, u ghall-kmandi tieghu u sahansitra ttenta jnezzahaha mid-dinjita' taghha u dan huwa ta' gravita' enormi fih innifsu, u iktar u iktar meta qatt ma' kien hemm allegazzjoni ta' adulterju.

Illi qiesu dan kollu mhux gravi bizzejjed gie ukoll ippruvat li l-konvenut jaghti mportanza kbira u esegerata lill-flus tant li kien igieghel lil martu zzomm rendikont ta' kull centezmu li kien jintefaq u jaghmel kjass jekk il-kontijiet ma jaqblux. Din l-ghozza ghall-flus wasslitu biex gieli kien

ihalli lill-famija tieghu stess nieqsa mill-flus. Dan gie kkonfermat miz-zewg ulied il-kbar tant li minhabba li ma hallasx il-kont tad-dawl ghamlu hames gimghat bla dawl u hallas biss meta gie ordnat mill-Qorti. Mhux hekk biss imma ghax it-tifel il-kbir minhabba li kienu bla dawl nizzel il-kompjuter ghand nanntu biex jistudja u jahdem fuqu ghax kien student universitarju l-konvenut spicca jiggieled mieghu. Huwa ppretenda li jtella' nofs il-kompjuter lura d-dar ghax hu kien qed ihallaslu nofs il-pagament u b'hekk it-tifel iddecieda li jhallas sehem missieru li kien hareg sa dak iz-zmien biex jieqaf l-inkwiet. *Inoltre'* anki l-fatt li nqala' l-inkwiet fuq il-wirt ta' missierha wkoll juri attakkament zejjed ghall-flus meta legalment il-wirt ta' missierha kien jirrigwarda lill-attrici biss.

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghar-rapport redatt mill-Clinical Psychologist Joan Camilleri, u bla ma wiehed jabbracca l-konkluzjonijiet dwar l-istat tal-konvenut, wiehed jinnota li fl-istess rapport l-attrici telenka sew minn x'hiex soffriet fil-hajja taghha mal-konvenut. L-istess rapport huwa wkoll indikattiv ta' dak kollu li ghaddew minnu wlied il-kontendenti u dan l-iktar minhabba kif l-konvenut agixxa abussivament fil-konfront ta' ommhom u wliedu stess . Ma hemm l-ebda dubju dwar il-messagg li l-istess ulied tal-kontendenti kienu qed iwasslu lill-istess professjonista'.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ma' l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li z-zwieg bejn l-kontendenti jirrizulta li tkisser minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi kif ukoll vjolenza fizika u morali u mohqirija fil-konfront tal-konvenuta u ta' uliedha.

**(ii) Kura u Kustodja tal-minuri.**

Illi dwar dan il-punt hemm qbil li l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal il-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici bid-dritt ta' l-access ghall-missier.

Illi ma gew suggeriti l-ebda hinijiet min-naha tal-partijiet sabiex dan ikun jista' jsehh. Ghalhekk din il-Qorti

tiddeciedi li l-access tal-missier ghandu jkun bil-mod kif gej:-

Kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mis-6.00.p.m. sat-8.00.p.m. fix-xitwa cioe’ mill-1 ta’ Ottubru sa’ l-ahhar ta’ Gunju u fis-Sajf il-missier ghandu jkollu access mis-6.00p.m. sad-9.00p.m. Il-missier ghandu jkollu access ukoll kull weekend alternattiv u jigbor lit-tfal il-Gimgha fis-6.30p.m. u jirritornahom l-Hadd fil-5.00p.m. fix-xitwa u fis-sajf jirritornahom fis-7.00p.m. Illi fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid it-tfal ghandhom iqattghu l-gurnata bejn id-9.00a.m. u s-6.00p.m. alternattivament darba mal-missier u darba mal-omm. Il-missier ghandu jigbor u jirritorna lit-tfal mid-dar t’ommhom.

Illi naturalment meta t-tfal jkunu mal-missier huwa m’ghandux itellifhom minn xi attivitajiet socjali taghhom.

**(iii) Manteniment.**

Illi rrizulta li l-konvenut jaqla’ bhala gross l-ammont ta’ Lm5,557 *per annum.* Ghandu *monthly allowance* ta’ Lm82.05 u *additional* ta’ Lm40 jekk *oltre’* l-40 siegha fil-gimgha li jahdem jaghmel 50 siegha ohra fix-xahar. Pero’ anke jekk jaghmel 49 siegha minflok 50 siegha dawn ma jehodhomx. Huwa hadhom hames darbiet.

Illi bhalissa b’digriet moghti minn din il-Qorti datat 28 ta’ Ottubru 2003 il-konvenut qed ihallas hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha ghaz-zewg minuri. Din il-Qorti tikkonferma li dan ghandu jkun il-manteniment ghal dawn iz-zewg minuri u dan l-iktar ghaliex l-istess attrici qablet ma’ dan l-ammont fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, kif jidher a fol. 313 tal-process.

Illi apparti dan pero’ huwa ghandu wkoll ihallas nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni nkluz *donations* ghall-iskola u spejjez relatati ma’ sahha ghal dawn iz-zewg ulied sakemm dawn jaghlqu t-tmintax-il sena.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-attrici kienet ilha tahdem u kien ghalhekk li ma gietx moghtija l-ebda forma ta’

manteniment *pendente lite*. Jirrizulta pero' li fil-mori tal-kawza u iktar precisament fiz-zmien li l-istess kawza kienet ghas-sentenza l-istess attrici, mhux tort taghha, tilfet l-impjieg li kellha u llum tinsab disokkupata u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-istess attrici ghandha dritt ta' manteniment minghand zewgha skond il-ligi u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex b'effett mid-data ta' din is-sentenza huwa jissoministra lill-attrici l-ammont ta' tlettin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u din ghandha tithallas billi l-istess ammont ta' manteniment jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna li a spejjez ta' l-istess attrici kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-employer tal-konvenut, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu ma' din l-ordni f'din is-sentenza. L-istess japplika ghall-manteniment ghal-ulied li ghadhom minorenni.

**<u>(iv) Komunjoni tal-Akkwisti.</u>**

Illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali "San Guzepp", Blokk 4, Flat 2, Sir Luigi Preziosi Street, Pembroke u fil-mobbli li jinsabu fl-istess dar. Illi l-komunjoni qed tigi xolta b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tigi likwidata bil-mod li gej *arbitro boni viri:-*

Illi d-dar matrimonjali huwa appartament mikri minghand il-Lands Department b'kera ta' madwar Lm285 fis-sena. Jirrizulta li ghad hemm pendenzi fuq din il-kera.

Illi l-konvenut talab li din id-dar ghandha tinqasam minhabba li hija komodament divizibbli. Kemm l-attrici kif ukoll it-tlett ulied li xehdu sostnew li dan mhux possibbli.

Illi ghalhekk gie nnominat il-Perit Tekniku Valerio Schembri permezz tad-digriet tat-8 ta' Ottubru 2003 sabiex jezamina jekk il-fond in kwistjoni hux komodament divizibbli.

Illi l-Perit Tekniku sostna li *prima facie* l-qasma kif proposta mill-konvenut hija possibbli, mhiex strutturalment ikkomplikata, ma tinvolvix spejjez esagerati u ma tnaqqas xejn mill-valur ta’ l-istess fond. Pero’ huwa kkonkluda, li wara li kkunsidra li fil-bicca assenjata lill-attrici jkunu jridu jghixu flimkien maghha erbat itfal li m’ humiex kollha ta’ l-istess sess, - li fl-opinjoni tieghu l-proposta ta’ qsim tal-fond avvanzata mill-konvenut mhux possibbli li l-attrici tinghata l-akkomodazzjoni mehtiega sabiex in-numru ta’ persuni li ntizi jirresjedu fil-parti tal-fond hekk diviz ikunu jistghu jghixu b’mod komdu u normali skond l-esigenzi u l-*standards* normali tal-gurnata ta’ llum.

Illi din il-Qorti tadotta din il-konkluzjoni u b’hekk minhabba li l-fond matrimonjali Flat 2, Block 4, Qasam tad-Djar, (Sant’Andrija), Pembroke mhux komodament divizibbli qed jigi deciz li l-istess fond soggett ghal-lokazzjoni ghandu jigi u qed jigi assenjat lill-attrici, b’dan li l-kera ta’ l-istess fond ghandha tinqaleb fuq isem l-attrici u tibqa’ tirrisjedi fil-fond imsemmi flimkien ma’ wliedha ad eskluzjoni ta’ zewgha u ta’ terzi persuni tas-sess oppost. Tordna li kopja ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess Lands Dipartiment.

Illi l-konvenut ghandu jsib akkomodazzjoni alternattiva u ghandu zmien qasir u perentorju ta’ tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza sabiex jitlaq mill-istess residenza.

Illi kwalunkwe arretrati ta’ kera li hemm pendenti fuq l-imsemmi fond sad-data tas-sentenza ghandhom jithallsu mill-konvenut. Mid-data tas-sentenza kull skadenza ta’ kera hija pagabbli mill-attrici.

Illi dwar il-mobbli l-attrici elenkathom; filwaqt li l-konvenut ikkummenta fejn ma qabilx ma’ dak sottomess mill-attrici. Illi jinghad li ghalkemm il-partjiet ghamlu referenza ghall-affarijiet huma ma taw l-ebda valur ghalihom. Illi ghalhekk *arbitro boni viri* l-attrici qed tigi assenjata s-segwenti affarijiet: *cupboards* tal-kcina; *kenwood* kbira; magna tal-kapuljat; *cooker, fridge;* mejda tal-kcina u sitt siggijiet; *toaster (4);* hames *fans;* 1 *cascade;* tlett lampi tal-gass

kbar; xkaffa tal-haxix *vegetable rack; microwave;* magna tal-kafe'; sett tat-*tea, coffee, sugar; juice extractor;* mizien; 2 papri u garra; *bread cutter;* magna li taghmel l-ghagin; mejda tal-kamra tal-ikel; erba' siggijiet; vetrina; *sideboard; dinner set* ta' tnax-il bicca; gandlier; *frame* ta' l-ahhar cena tal-fidda; tray tal-fidda; *wallunit;* sufan bi tlett bicciet; mejda tal-kafe'; enciklopedia A sa Z li tinkludi l-Bibbja u kotba tas-Sahha; 113 videos; sitt statwi tac-ceramika; sottospecchio kbir; 2 siggijiet parigg; 2 frames zghar; 2 gandlieri; 1 *sewing machine; il-main bedroom* antika; 1 set tal-hasil antik; 1 *washing machine automatic;* 3 fannijiet; 1 heater; 1 gandlier; dak kollu li hemm fil-bedroom ta' Noel cioe' gwardarobba; sodda; desk; *unit* u *monitor;* dak kollu li hemm fil-kamra ta' B cioe' sodda; *unit;* mejda ta' hdejn is-sodda; gwardarobba; ; dak kollu li hemm fil-kamra ta' B u B cioe' *bunkbeds; desk;* mejda ta' hdejn is-sodda; gwardarobba; casio piano; kitarra; 4 *televisions; christmas tree* u dekorazzjonijiet; set ta' 2 vazuni tal-kristall kbar; 6 tazzi tal-kristall; ornament blue; 3 vazuni antiki; frame tal-fidda; 2 *stone towers;* 2 ornamenti antiki; sellum Black & Decker; *tumble dryer;* frame tal-kristall; 3 tapiti tal-kuritur.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat ukoll *arbitro boni viri* u bhala sehmu mill-komunjni ta' l-akkwisti s-segwenti oggetti: *freezer* zghira; 1 *small Kenwood Chefu Liquidiser;* 3 bombli tal-fuhhar; 2 *fans; 3* lampi tal-gass; *sandwich toaster;* vazun tal-kristall zghir; tray tal-fidda; 3 trays tal-istainless steel; frame kbir fis-salott; pittura (oil painting); tazza tal-kristall; *billiard table top* bil-bocci u hames stikek; gandlier; hames statwi tac-ceramika; 2 frames zghar fil-kurutur; 2 gandlieri fil-kurutur; *vase*; 1 *kettle ornamental ceramic;* l-ghodda kollha cioe' magna li tqatta' l-*aluminium; sharpener* ta' l-injam; 1 *washing machine service; grinder disks;* 15 il-martell; 1 *grinder;* 1 set tal-welding u accessorji; *heat gun; spray gun; glue can; oil can; grease pump; sander* zghir; *router* u partijiet zghar; 2 slielem tal-injam; sellum tal-*aluminium; chain blocks; pop riveter; 12g clumps* li minnhom il-konvenut halla biss 5 fid-dar matrimonjali; serrieq; *burner gas* (qatran); *extensions;* kaxxi ta' l-ghodda; formaturi; tornaturi; tnalji; 2 *staplers; Black & Decker* li thaffer; 1 *tool* (tal-mincotti); 1 raff *full of wood* li nofsu ttiehed mill-

konvenut u diversi ghodod ohra; wicc ta' Kristu tal-fidda; 1 *shotgun;* 3 fannijiet; 1 *heater;* relikwarju li jikkonsisti fi 78 bicciet zghar, bicca ta' daqs medjan u zewg bicciet kbar; 7 vazuni zghar li bihom jarma l-artal; 1 television; 1 video li jahdem; 1 Bambin ta' Spanja; vazun tal-kristall zghir; vazun li jinsab fis-salott; 1 *cannon;* 1 kenur; u l-arlogg li jinsab fis-salott

Illi hemm ukoll zewg vetturi li huma Omni Van misjuq mill-konvenut. L-attrici ndikat li dan kien mixtri gdid Lm3,500 tmien snin ilu. Hemm ukoll Karozza Skoda li ssuq hija mixtrija *second-hand* Lm600 erba' snin ilu. Ma nghatax il-valur fis-suq ta' dawn il-karozzi. Jigi deciz li kulhadd izomm u qed jigi assenjat il-vettura li ghandu attwalment fil-pussess tieghu.

Illi bhala djun tal-komunjoni hemm l-arretrati tal-kera tal-fond matrimonjali li kif diga' nghad ghandhom jithallsu mill-konvenut. Hemm xi kontijiet pendenti tad-dawl u ilma u bilanc zghir tat-telefon, u tali ammonti kollha ghandhom ukoll jigu mhallsa mill-konvenut u l-kontijiet ta' l-istess servzzi ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut sakemm l-istess konvenut effettivament jizgombra u ma jibqax jghix fid-dar matrimonjali; Meta l-konvenut, in konformita' ma' dawk ordnat f'din is-sentenza, ma jibqax jghix fl-istess fond u appartament, u b'hekk l-istess fond jibqa' okkupat biss u esklussivament mill-attrici u uliedha, tali servizzi jkunu a karigu esklussiv ta' l-attrici.

Illi l-attrici semmiet fin-nota taghha senter tal-kacca u *air pistol* li huma licenzjati fuq isem il-konvenut u li m'ghadhomx fid-dar matrimonjali. Dawn qed jigu assenjati lill-konvenut, anke *in vista* ta' dak fuq deciz.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli u kontrastranti ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad is-**

**seba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut u dan peress li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi kif ukoll vjolenza fizika u morali u mohqrija fil-konfront tal-konvenuta u ta' uliedha, li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;

(2) Tilqa' t-tieni talba attrici b'dan illi tawtorizza l-istess attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

(3) Tilqa' t-tielet talba attrici billi tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri B u B ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici bid-dritt ta' access tal-missier li ghandu jigi ezercitat bil-mod kif gej:

Kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mis-6.00p.m. sat-8.00p.m. fix-xitwa cioe' mill-1 ta' Ottubru sa' l-ahhar ta' Gunju u fis-Sajf il-missier ghandu jkollu access mis-6.00p.m. sad-9.00p.m. Il-missier ghandu jkollu access ukoll kull weekend alternattiv u jigbor lit-tfal il-Gimgha fis-6.30p.m. u jirritornahom il-Hadd fil-5.00p.m. fix-xitwa u fis-sajf jirritornahom fis-7.00p.m. Illi fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid it-tfal ghandhom iqattghu l-gurnata bejn id-9.00a.m. u s-6.00p.m. alternattivament darba mal-missier u darba mal-omm. Il-missier ghandu jigbor u jirritorna lit-tfal mid-dar t'ommhom;

Illi naturalment meta t-tfal jkunu mal-missier huwa m'ghandux itellifhom minn xi attivitajiet socjali taghhom.

4) Tilqa' r-raba' talba attrici billi fl-ewwel lok tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri l-ammont ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) kull gimgha ghaz-zewgt itfal minuri, liema pagament ghandu jsir b'effett mid-data ta' din is-sentenza fir-residenza ta' l-attrici u dan billi l-istess ammont ghandu jinqata' mill-

*employer* tal-konvenut direttament mill-paga tal-konvenut u jintbaghat lill-attrici fir-residenza taghha, kull erba' (4) gimghat bl-quddiem. Illi apparti dan pero' din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut li jhallas nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni ta' l-istess minuri nkluz *donations* ghall-iskola u spejjez relatati ma' sahha ghal dawn iz-zewg ulied sakemm dawn jaghlqu tmintax-il (18) sena, liema kontijiet ghandhom jithallsu mill-konvenut fi zmien gimgha mid-data li jircievi n-notifika taghhom minghand l-attrici.

Illi fit-tieni lok u peress li l-istess attrici tinsab presentement disokkupata din il-Qorti tordna wkoll lill-konvenut sabiex b'effett mid-data ta' din is-sentenza huwa jissoministra lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' tlettin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha u dan bhala manteniment minnu dovut lill-attrici, pagabbli wkoll kull erba' (4) gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u din ir-rata ta' alimenti ghandha tthallas lill-attrici billi tinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u tinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna li ghas-spejjez ta' l-istess attrici kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-employer tal-konvenut, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu ma' din l-ordni f'din is-sentenza. L-istess japplika ghall-manteniment ghal l-ulied li ghadhom minorenni b'dan ghalhekk li l-manteniment komplessiv li l-istess konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedha minuri huwa ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65) fil-gimgha, pagabbli kif inghad.

5) Tilqa' l-hames talba u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-*intier* taghhom.

6) Tilqa' s-sitt talba attrici billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna li l-istess oggetti formanti parti minnha jigu maqsuma bil-mod kif gej:

(a) Illi minhabba li l-fond San Guzepp, Flat 2, Block 4, Qasam tad-Djar, (Sant'Andrija), Sir Luigi Preziosi Street, Pembroke mhux kommodament divizibbli qed jigi deciz li

l-istess fond soggett ghal lokazzjoni qed jigi assenjat lill-attrici, b'dan li l-kera ta' l-istess fond ghandha tinqaleb fuq isem l-attrici u l-istess attrici tibqa' tirrisjedi fil-fond imsemmi flimkien ma' wliedha ad eskluzjoni ta' zewgha u ta' terzi persuni tas-sess oppost. Tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata ghas-spejjez attrici lill-istess Lands Dipartiment. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna wkoll li l-konvenut ghandu fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jitlaq u jizgombra mill-istess fond.

Illi kwalunkwe arretrati ta' kera li hemm pendenti fuq l-imsemmi fond sad-data tas-sentenza ghandhom jithallsu mill-konvenut.  Mid-data tas-sentenza kull skadenza ta' kera hija pagabbli mill-attrici.

(b) Illi dwar il-mobbli din il-Qorti *arbitro boni viri* tiddeciedi li l-attrici tigi assenjata bhala sehma mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-segwenti affarijiet: *cupboards* tal-kcina; *kenwood* kbira; magna tal-kapuljat; *cooker, fridge;* mejda tal-kcina u sitt (6) siggijiet;  *toaster;* hames *fans; cascade;* tlett (3) lampi tal-gass kbar; xkaffa tal-haxix *vegetable rack; microwave;* magna tal-kafe'; sett tat-*tea, coffee, sugar; juice extractor;* mizien; zewg (2) papri u garra; *bread cutter;* magna li taghmel l-ghagin; mejda tal-kamra tal-ikel; erba' (4) siggijiet; vetrina; *sideboard; dinner set* ta' tnax-il (12) bicca; gandlier; *frame* ta' l-ahhar cena tal-fidda; tray tal-fidda; *wallunit;* sufan bi tlett (3) bicciet; mejda tal-kafe'; enciklopedia A sa Z li tinkludi l-Bibbja u kotba tas-Sahha; mija u tlettax-il (113) videos; sitt (6) statwi tac-ceramika; sottospecchio kbir; zewg (2) siggijiet parigg; zewg (2) frames zghar; zewg (2) gandlieri; *sewing machine; il-main bedroom* antika; set tal-hasil antik; *washing machine automatic;* tlett (3) fannijiet; heater; gandlier; dak kollu li hemm fil-bedroom ta' Noel cioe' gwardarobba; sodda; desk; *unit* u *monitor;* dak kollu li hemm fil-kamra ta' B cioe' sodda; *unit;* mejda ta' hdejn is-sodda; gwardarobba;  dak kollu li hemm fil-kamra ta' B u B cioe' *bunkbeds; desk;* mejda ta' hdejn is-sodda; gwardarobba; casio piano; kitarra; ebra' (4) *televisions; christmas tree* u dekorazzjonijiet; set ta' zewg (2) vazuni tal-kristall kbar; sitt (6) tazzi tal-kristall; ornament blue; tlett

(3) vazuni antiki; frame tal-fidda; zewg (2) *stone towers;* zewg (2) ornamenti antiki; sellum Black & Decker; *tumble dryer;* frame tal-kristall; tlett (3) tapiti tal-kuritur.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti *arbitro boni viri* tordna li l-konvenut jigi assenjat bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-segwenti oggetti: *freezer* zghira; *small Kenwood Chefu Liquidiser;* tlett (3) bombli tal-fuhhar; zewg (2) *fans;* tlett (3) lampi tal-gass; *sandwich toaster;* vazun tal-kristall zghir; tray tal-fidda; tlett (3) trays tal-istainless steel; frame kbir fis-salott; pittura (oil painting); tazza tal-kristall; *billiard table top* bil-bocci u hames (5) stikek; gandlier; hames (5) statwi tac-ceramika; zewg (2) frames zghar fil-kurutur; zewg (2) gandlieri fil-kurutur; vase; *kettle ornamental ceramic;* l-ghodda kollha cioe’ magna li tqatta’ l-*aluminium; sharpener* ta’ l-injam; *washing machine service; grinder disks;* hamsiat-il (15) martell; *grinder;* set tal-welding u accessorji; *heat gun; spray gun; glue can; oil can; grease pump; sander* zghir; *router* u partijiet zghar; zewg (2) slielen tal-injam; sellum tal-*aluminium; chain blocks; pop riveter; 12g clumps* li minnhom il-konvenut halla biss hamsa (5) fid-dar matrimonjali; serrieq; *burner gas* (qatran); *extensions;* kaxxi ta’ l-ghodda; formaturi; tornaturi; tnalji; zewg (2) *staplers; Black & Decker* li thaffer; *tool* (tal-mincotti); raff *full of wood* li nofsu ttiehed mill-konvenut u diversi ghodod ohra; wicc ta’ Kristu tal-fidda; *shotgun;* tlett (3) fannijiet; *heater;* relikwarju li jikkonsisti fi tmienja u sebghin (78) bicciet zghar, bicca ta’ daqs medjan u zewg bicciet kbar; seba’ (7) vazuni zghar li bihom jarma l-artal; television; video li jahdem; Bambin ta’ Spanja; vazun tal-kristall zghir; vazun li jinsab fis-salott; *cannon;* kenur; u l-arlogg li jinsab fis-salott;

Illi dwar iz- zewg (2) vetturi li huma Omni Van Reg Nru. AAG 149 misjuq mill-konvenut u l-karozza Skoda Reg Nru. DAR 394 misjuqa mill-attrici qed jigi deciz li kulhadd izomm il-vettura li qieghda fil-pussess tieghu jew taghha;

Illi bhala djun tal-komunjoni hemm l-arretrati tal-kera tal-fond matrimonjali li kif diga’ nghad ghandhom jithallsu mill-konvenut. Hemm xi kontijiet pendenti tad-dawl u ilma u

bilanc zghir tat-telefon, u dawn ukoll ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut, kif ghandhom jibqghu l-kontijiet ta' l-istess servzzi sakemm l-istess konvenut effettivament jizgombra u ma jibqax jghix fid-dar matrimonjali. Meta u fid-data li l-istess konvenut, in konformita' ma' dawk ordnat f'din is-sentenza, ma jibqax jghix fl-istess fond u appartament, u b'hekk l-istess fond jibqa' okkupat biss u esklussivament mill-attrici w uliedha, tali servizzi jkunu a karigu esklussiv ta' l-attrici;

Illi s-senter tal-kacca w *air pistol* li huma licenzjati fuq isem il-konvenut u li m'ghadhomx fid-dar matrimonjali qed jigu assenjati lill-konvenut;

7) Tichad is-seba' talba attrici *stante* li ma gewx prodotti provi li l-konvenut ghandu xi beni dotali u parafernali tal-attrici fil-pussess tieghu;

8) Tilqa' tmien talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mid-dar matrimonjali fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u tordna li dik li kienet sallum id-dar matrimonjali ghandha tkun ghall-uzu esklussiv tal-attrici flimkien ma' wliedha ad eskluzjoni tal-konvenut u ta' terzi tas-sess oppost li ma' humiex famljari ta' l-attrici;

9) Tilqa' d-disa' talba attrici billi tawtorizza lill-istess sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Thorne.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------